MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 2414/1998/1

**Avviz Nru 2414/98 - DM**

**Anthony Camilleri**

**vs**

**Kunsill Lokali Luqa u b'digriet tas-16 t'April 1999 gie kjamat in kawza John Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghal-hlas ta' somma ta' seba' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm726.75) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' konkos li sar mill-attur fuq inkarigu tieghu fil-Luqa Football Ground, Luqa, inkluzi spejjez ta' materjal u kiri ta' gaffa, kif certifikat mill-Perit AIC Alfred Grech, fit – 28 ta' Settembru 1998 – Dokument A.

Bl-interessi u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kunsill Lokali, Luqa fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament, in-nullita' tal-avviz billi Art 27 (Taqsima III) tal-Att XV tal-1993 jesigi li biex jitharrek Kunsill Lokali jridu jitharrku is-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill in rappresentanza tal-istess
2 F'kull kaz, ebda ammont ma hu dovut lill-attur billi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti;
3 Jekk sar xi kuntratt ta' appalt, dan ser bejn l-attur u John Schembri (li ghal xi zmien kien jokkupa l-kariga ta' Sindku) u dan ta' l-ahhar la kellu l-awtorita u anqas id-delega li jidhol f'xi kuntratt ta' appalt mal-attur ghan-nom tal-Kunsill. Ghalhekk l-imsemmi John Schembri ghandu jigi kkjamat in kawza;
4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Gunju 1999 fejn il-konvenuti rtiraw l-ewwel eccezzjoni preliminari.
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza John Schembri fejn eccepixxa illi:

1 L-eccipjent mhuwiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur billi l-appalt in kwistjoni gie kommissjonat mill-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa, li tieghu l-eccipjent dak iz-zmien kien Sindku
2 Ghalhekk fil-konfront ta' l-eccipjent, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-14 ta' Dicembru 1999 fejn il-kontendenti ilkoll jaqblu illi ix-xoghol effettivament sar u jaqblu li dan ix-xoghol sar a beneficcju tal-propjetarji tal-ground, ossia ta' proprjeta pubblika.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti tal-process jirrizulta illi ma hemm ebda kontestazzjoni illi l-attur kien esegwixxa x-xogholijiet indikati fl-avviz, illi dawn ix-xoghlijiet kien ghamilhom fl-interess tal-kunsill lokali Luqa  l-konvenuti, u illi kien gie moghti l-inkarigu ta' dawn ix-xoghlijiet mill-kjamat fil-kawza John Schembri li fiz-zmien tax-xoghlijiet kien is-sindku tal-Kunsill lokali konvenut.

Ghalhekk il-kreditu tal-attur huwa gustifikat u ghandu jithallas l-ammont mitlub fis-somma ta' Lm726.75 (seba' mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi).

Il-kwistjoni f'din il-kawza tirrigwarda min mill-konvenut Kunsill Lokali u l-kjamat fil-kawza ghandu jigi tenut u kundannat sabiex ihallas l-ammont dovut lill-attur.

Ghalkemm ma jirrizultax ippruvat illi meta l-kjamat il-kawza kien ordna li jsiru x-xoghlijiet mill-attur huwa kien spjega bic-car lill-attur illi kien qieghed jaghtih dan l-inkarigu fil-kwalita' tieghu ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Luqa, kollox jindika illi effettivament il-kjamat fil-kawza John Schembri kien aggixxa fil-kariga tieghu ta' Sindku ta' l-istess Kunsill billi il-kuntratt ta' l-appalt kien jirrigwarda xogholijiet fil-'ground tal-football' ta' Hal Luqa li kienu digia' gew approvati mill-kunsill lokali u illi kienu ser isiru biex jigi tterminat l-istess xoghol u biex isir benefikat iehor fil-propjeta' pubblika fl-amministrazzjoni tal-kunsill.

Infatti dan il-kuntratt ta' appalt kien inghata minn John Schembri in segwitu ghal-ittra tal-7 t'Awissu 1998 mibghuta  lil Luqa Sant Andrew's Football Club li tinsab esibit (afol 43 tal-process) fejn dan il-club kien talab lis-segretarju tal-Kunsill Lokali biex jittermina x-xoghlijiet illi kien digia qieghed jghamel u liema xoghlijiet kienu jikkonsistu f'kisja ta' konkos fil-passagg li jaghti ghall-ground, jitwitta l-ground mill-knaten li kien hemm fuq in-

naha tal-lemin tal-ground u ssir kisja zrar sabiex il-wicc ikun tajjeb ghal-loghob.

Il-kontestazzjoni li saret mill-Kunsill konvenut ghall hlas ta' dan il-kont hija esklussivament ibbazata fuq kwistjoni purament interna imqajma mis-Sindku Michael Cachia illi ftit wara li kienu tlestew ix-xoghlijiet kien gie elett bhala Sindku minflokk il-kjamat fil-kawza John Schembri.

Il-kontestazzjoni tas-Sindku gdid, Michael Cachia, kienet tirrigwarda l-fatt illi s-Sindku precedenti, l-kjamat fil-kawza, ma kienx segwa  l-procedura korretta qabel ma dahal ghal kuntratt ta' appalt billi ma kienx ottjena tlett (3) stimi ufficjali dwar ix-xoghlijiet intizi u illi x-xoghlijiet ma kienux awtorizzati jew approvati mill-istess Kunsill.

Mill-provi pero, jirrizulta illi x-xoghlijiet in kwistjoni anke qabel li sar l-ilment mill-club tal-football, kienu digia' komprizi fil-'main tender' illi kien nghata lid-ditta Intersteel (Malta) Ltd a bazi ta' specifications maghmula mill-perit tal-Kunsill, Mariello Spiteri.

Ghalhekk ix-xoghol in kwistjoni li kien digia kkontemplat fil-'main tender' ghandhu jigi kkunsidrati bhala xoghlijiet li kienu digia  approvati mill-Kunsill u li huma xoghlijiet illi l-Kunsill stess stenna li kellhom jigu kkompletati.

Fuq kollox jirrizulta mill-provi wkoll illi il-kunsilliera stess kienu jafu illi x-xoghlijiet kien qedin jigu attwati u fil-fatt tlestew u ma pprotestaw b'ebda mod ghall-ezekuzzjoni ta' dan il-benefikat.

Dan ghalhekk huwa sufficjenti ghal dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn l-attur  u l-Kunsill konvenut  sabiex jintitola lill-attur li jitlob il-pagament tal-kumpens ghax-xoghol minnhu maghmul minghand il-Kunsill konvenut u l-Kunsill ghandhu jigi tenut debitur tal-attur f'dan l-istess ammont.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li l-kjamat fil-kawza ma kienx segwa ezattament il-provediment tar-regolament 24 inciz 4 subinciz B tar-regolament tal-1993 dwar il-

Kunsilli Lokali, ossia illi qabel ma kien ta l-inkarigu lill-attur ma kienx gabar ghall-anqas tlett (3) kwotazzjonijiet ufficjali iffirmati, ghandu jinghad li din il-kwistjoni m'ghandiex b'ebda mod tippregudika lill-attur u d-dritt tieghu li jithallas tax-xoghol li jghamel fl-interess u ghal beneficcju u bil-konnoxxenza u approvazzjoni tacita tal-istess Kunsill.

Il-kwistjoni dwar jekk il-kjamat fil-kawza segwix il-provedimenti tar-regolamenti msemmija hija l-kwistjoni purament interna u li ghandha titqies li giet effettivament rizolta meta anke wara li tlestew ix-xoghlijiet kienu gew pprezentati zewg (2) kwotazzjonijiet ufficjali u l-kont tal-attur.

Minghajr ma' l-Qorti ma tista' tiggustifika l-agir tal-kjamat fil-kawza li ma qaghadx ghall-osservazzjoni stretta tar-regolament tal-1993 dwar Kunsilli Lokali fejn jirrigwarda t-tlett (3) kwotazzjonijiet ufficjali qabel ma jsir xi ftehim fuq xoghlijiet, u minghajr ma tippregudika xi passi li jistghu jittiehdu biex il-kjamat fil-kawza jigi ccensurat ghal-agir tieghu mhux strettament skond ir-regoli, huwa doveruz illi l-Qorti tissenjala illi x-xoghlijiet in kwistjoni kienu xoghlijiet li min-natura taghhom kienu urgenti billi kienu jirrigwardaw xoghol ta' raffinituri li minghajrhom ma setghax jidgawda l-ground li fuqu kienu tnefqu eluf ta' liri, li dawn ix-xoghlijiet kienu parti mix-xoghol globali fil-ground tal-football approvat mill-istess Kunsill, illi l-Kunsilliera kienu jafu wkoll bin-necessita' ta' dawn ix-xoghlijiet, kienu jafu wkoll li dawn ix-xoghlijiet kienu qieghed jigu esegwiti u fil-fatt tlestew mill-attur, u li llum l-valur ta' dawk ix-xoghlijiet jista' jigi paragonat ma zewg stimi ohra bil-prezz rizultanti l-iktar favorevoli.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi jidher illi l-Kunsill konvenut ma kellux ghaliex jirrifjuta illi jikkumpensa lill-attur ghax-xogholijiet minnhu esigwiti u ghall-materjal supplit minhabba kwistjoni jew kwistjonijiet interni ta' bejn il-kunsilliera.

Ghal dawn il-motivi qieghdha tilqa t-talbiet attrici fil-konfront biss tal-Kunsill Lokali Luqa u tichadhom fil-konfront tal-kjamat fil-kawza John Schembri u qieghdha

tikkundanna lill-Kunsill Lokali, Hal Luqa sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' Lm726.75 (seba mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet b'effett mis-16 ta' Dicembru 1998 u l-ispejjez kollha huwa a karigu tal-Kunsill Lokali Hal Luqa.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ 45